**16 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Federico Mifsud et.

*versus*

Michael Caruana

**Arrest Personali — Art. 359(b) tal-Kap. 15.**

*L-eżami taċ-ċirkustanza jekk id-debitur għandux jew le mezzi biex jestingwi d-dejn għandu jsir proprjament mhux fil-kawża fejn id-domanda tkun biex il-Qorti tistabbilixxi l-mod u ż-żmien kif għandu jitħallas id-dejn għall-finijiet tal-arrest personali, imma fil-kawża fejn eventwalment jintalab l-arrest personali tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-11 ta' Ġunju 1958, il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' £146. 10. 0 a saldu tad-danni minnhom sofferti bħala konsegwenza tal-inċident li ġara fit-18 ta' Awissu 1957, u li fih il-karrozza tagħhom "Żodiak" numru 11800 ġralha ħsara, bl-ispejjeż ammontanti għas-somma ta' £15. 6. 3 skond it-taxxa (dok A), u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali preżentata fit-3 ta' Diċembru 1957, ċjoè mid-19 ta' Diċembru 1957, li jammontaw għas-somma ta' £7. 16. 8, b'kollox fis-somma ta' £169. 13. 1; u billi l-konvenut, għalkemm interpellat, ma ħallasx din is-somma lill-atturi; talbu li din il-Qorti tistabbilixxi l-mod u ż-żmien kif għandu jitħallas lill-atturi l-kreditu fuq imsemmi, konsistenti, kif fuq ingħad, fis-somma ta' £169. 13. 1, kapital, imgħax sal-lum u spejjeż, għall-finijiet tal-art. 359(b) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili; salvi l-imgħaxijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kreditu tal-atturi jirriżulta . . . . . ;

Illi, kwantu għall-mezzi tal-konvenut, dan xehed li huwa bajjad . . . . . ;

Illi, għad li l-konvenut jinsab temporaneament diżokkupat, u kwindi l-lum ma jistax jingħad li jippossjedi mezzi biex iħallas id-dejn tiegħu, ġie però deċiż mill-Qrati Tagħna illi l-eżami taċ-ċirkustanza jekk id-debitur għandux jew le mezzi biex jestingwi d-dejn għandu proprjament isir mhux fil-kawża odjerna, iżda fil-kawża eventwali għall-arrest personali tiegħu; għaliex, kif irraġunat din il-Qorti fil-kawża "Bonnici vs. Delia", deċiża fis-26 ta' Ġunju 1895, "la mancanza dei mezzi del debitore a pagare non priva il creditore del diritto che egli ha di ottenere dalla Corte la fissazione del modo e del tempo del pagamento in via preparatoria all'ottenimento dell'arresto, ma impedisce semplicemente l'ottenimento della spedizione del mandato, quando il debitore dimostrasse di avere egli ommesso di pagare nel modo e nel tempo ordinato non volontariamente, ma per difetto di mezzi" (Kollez. XV, 207);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti hija tal-fehma li d-dejn in kwistjoni jista' jitħallas mill-konvenut b'rati ta' £1 fil-ġimgħa;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-atturi, u tordna lill-konvenut li bħala ħlas tal-imsemmi dejn tiegħu jħallas lill-atturi bejniethom lira (£1) fil-ġimgħa mil-lum; bl-ispejjeż.